



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Seduta plenarja

A7-0330/2010

17.11.2010

*****I**
RAPPORT

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej
(COM(2010)0132 – C7-0092/2010 – 2010/0073(COD))

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

Rapporteur: Jo Leinen

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b'tipa ***grassa u korsiva***. Test *korsiv normal* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tal-abbozz ta' att li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvjji jew nuqqasijiet f'verzjoni lingwistika partikolari). Il-korrezzjonijiet proposti huma soġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

L-intestatura ta' kwalunkwe emenda għal att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, ikun fiha t-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att. Il-partijiet li jittiedu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-abbozz ta' att ma jkunx emenda, huma indikati b'tipa ***grassa***. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...].

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
NOTA SPJEGATTIVA.....	29
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJET EKONOMIĊI U MONETARJI.....	31
PROĊEDURA.....	43

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej
(COM(2010)0132 – C7-0092/2010 – 2010/0073(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2010)0132),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 338(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0092/2010),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni motivati indirizzati lill-President tiegħu mill-parlamenti nazzjonali dwar il-konformità tal-abbozz ta' att mal-prinċipju ta' sussidjarjetà,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li ikkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A7-0330/2010),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal regolament

Premessa -1 (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(-1) Permezz ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni (Eurostat) tingħata responsabbiltajiet u funzjonijiet ta' monitoraġġ f'oqsma ġodda importanti. Biex tkun tista' tissodisfahom, persunal adgwat u riżorsi finanzjarji għandhom

ikunu disponibbli għalha. Ir-riżorsi finanzjarji meħtieġa għall-Kummissjoni (Eurostat) għandhom isiru disponibbli permezz ta' trasferimenti ta' flus fil-baġit tal-Unjoni Ewropea.

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa -1 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(-1a) Ir-riżorsi finanzjarji magħmula disponibbli għandhom jintużaw mill-Kummissjoni (il-Eurostat) b'mod ekonomikament responsabbli u trasparenti, kif ukoll b'mod effiċjenti f'dik li hija burokrazija. Ir-riżultati tal-kontijiet ekonomiċi ambjentali għandhom isiru disponibbli lill-pubbliku b'mod li jkunu aċċessibbli u jinftiehm u faċilment.

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1) L-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jistipula li l-Unjoni "għandha taħdem għall-iżvilupp sostenibbli tal-Ewropa msejjes fuq tkabbir ekonomiku bbilanċjat u l-istabbiltà tal-prezzijiet, fuq ekonomija soċjali tas-suq b'kompetittività għolja, li jimmira li jikseb l-impjieġ sħiħ u l-progress soċjali, u msejjes fuq livell għoli ta' ħarsien u titjib fil-kwalità tal-ambjent.

(1) L-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jistipula li l-Unjoni "għandha taħdem għall-iżvilupp sostenibbli tal-Ewropa msejjes fuq tkabbir ekonomiku bbilanċjat u l-istabbiltà tal-prezzijiet, fuq ekonomija soċjali kompetittivi għall-aħħar, bl-għan li jikseb bis-sħiħ livell massimu ta' impjieġ u progress soċjali, flimkien ma' livell għoli ta' protezzjoni u titjib fil-kwalità tal-ambjent", *filwaqt li tqis li dawn l-għanijiet jistgħu jintlaħqu l-aħjar permezz ta' swieq miftuħa.*

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) Is-Sitt Programm ta' Azzjoni Ambjentali tal-Komunità Ewropea kkonferma li *huwa essenzjali t-tagħrif* sod dwar l-istat tal-ambjent u dwar ix-xejriet, il-perssonijiet u l-motivazzjonijiet ewlenija għat-tibdil fl-ambjent għall-iżvilupp ta' politika effikaċi, għall-implimentazzjoni tagħha, u għall-għotja aktar ġenerali ta' setgħa liċ-ċittadini.

Emenda

(2) Is-Sitt Programm ta' Azzjoni tal-Komunità Ambjentali kkonferma *li tagħrif* sod dwar l-istat tal-ambjent u dwar ix-xejriet, il-perssonijiet u l-motivazzjonijiet ewlenija għat-tibdil fl-ambjent *huwa* *essenzjali* għall-iżvilupp ta' politika effikaċi, għall-implimentazzjoni tagħha, u għall-għotja aktar ġenerali ta' setgħa liċ-ċittadini. ***Għandhom jiġu żviluppati strumenti bl-għan li tissaħħaħ il-kuxjenza tal-pubbliku dwar l-effetti li l-attività ekonomika għandha fuq l-ambjent.***

Emenda 5

Proposta għal regolament Premessa 2 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda 6

Proposta għal regolament Premessa 3 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2a) Approċċ xjentifikament b'saħħtu rigward l-iskarsezza tar-riżorsi u dwar l-ekosistema, se jkun kruċjali għall-iżvilupp sostenibbli tal-ekonomija tal-Unjoni Ewropea, fil-ġejjieni.

Dawn il-funzjonijiet jinkludu l-provvediment ta' riżorsi naturali għal attivitajiet ta' produzzjoni u ta' konsum, l-assorbiment tal-iskart b'mezzi ambjentali u servizzi ambjentali ta' appoġġ tal-ħajja u kumditajiet oħra tal-bniedem. Il-kontijiet nazzjonali konvenzjonali ħadu kont ta' dawn il-funzjonijiet biss b'mod parzjali, fejn iffukaw fuq tranżazzjonijiet u indikaturi tas-suq li jirriflettu fatturi importanti fil-ġenerazzjoni tal-benesseri, iżda ma kejlux il-benesseri nnifsu.

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2009) 433 ta' Awwissu 2009 dwar il-PDG u lil hinn, għarfet il-ħtieġa li mal-indikaturi li jeżistu diġà hemm bżonn tiżdied *id-dejta* li tinkorpora l-aspetti ambjentali u soċjali. Għal dan l-għan, *ir-rendikonti* ambjentali *jipprovdu mezz ta' sorveljanza tal-perssonijiet tal-ekonomija fuq l-ambjent u jipprovdu wkoll mezz ta' esplorazzjoni dwar kif dawn jistgħu jittaffew*. Konformi mal-prinċipji tal-iżvilupp sostenibbli u l-kampanja biex tinkiseb ekonomija li timxi fuq użu *baxx tal-karbonju*, li huma fil-qalba tal-Istrateġija *ta' Lisbona* u ta' inizjattivi ewlenin oħra, l-iżvilupp ta' qafas tad-dejta li jinkludi kwistjonijiet ambjentali b'mod konsistenti, flimkien ma' dawk ekonomiċi, sar iżjed u iżjed meħtieġ.

Emenda

(4) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2009) 433 ta' Awwissu 2009 dwar il-PDG u lil hinn, għarfet il-ħtieġa li mal-indikaturi li jeżistu diġà hemm bżonn *li* tiżdied *dejta* li tinkorpora l-aspetti ambjentali u soċjali *sabiex tkun tista' titfassal politika aktar koerenti u komprensiva*. Għal dan il-għan, *il-kontijiet* ambjentali *juru l-interazzjoni bejn fatturi ekonomiċi, tal-familji u fatturi ambjentali. Il-kontijiet ambjentali jagħtu aktar informazzjoni minn kontijiet nazzjonali waħedhom. Huma jipprovdu bażi tad-dejta sinifikanti għat-teħid ta' deċiżjonijiet ambjentali u għandhom ikunu konsultati meta l-Kummissjoni tkun qiegħda tfassal valutazzjonijiet dwar l-impatt*. *B'konformità* mal-prinċipji tal-iżvilupp sostenibbli u l-kampanja biex tinkiseb ekonomija *b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti*, li huma fil-qalba tal-Istrateġija *Ewropa 2020* u ta' inizjattivi ewlenin oħra, l-iżvilupp ta' qafas tad-dejta li jinkludi kwistjonijiet ambjentali b'mod konsistenti, flimkien ma' dawk ekonomiċi, sar iżjed u

iżjed meħtieġ.

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 6 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6a) Huwa ta' importanza kbira li malli s-sistema tibda topera bis-sħiħ il-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej jintużaw b'mod attiv u preċiż fit-tfassil tal-politika kollha tal-UE rilevanti bħala input ewlieni għall-valutazzjoni tal-impatt, il-pjanijiet ta' azzjoni, il-proposti leġiżlattivi u prodotti oħra sinifikanti tal-proċess tal-politika.

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(7) Il-kontijiet satelliti jippermettu *t-twessiegħ* tal-kapaċità analitika tal-kontijiet nazzjonali għal oqsma ta' interess soċjali magħżulin, bħalma huma l-persjonijiet fuq l-ambjent ikkaġunati mill-attività tal-bniedem, b'mod flessibbli, mingħajr ma jitfgħu wisq piż u mingħajr ma jħawdu lis-sistema ċentrali.

(7) Il-kontijiet satelliti jippermettu *t-twessiegħ* tal-kapaċità analitika tal-kontijiet nazzjonali għal oqsma ta' interess soċjali magħżulin, bħalma huma l-persjonijiet fuq l-ambjent ikkaġunati mill-attività tal-bniedem, b'mod flessibbli, mingħajr ma jitfgħu wisq piż u mingħajr ma jħawdu lis-sistema ċentrali. ***L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku l-informazzjoni fil-kontijiet ambjentali b'mod regolari, pereżempju permezz tal-pubblikazzjoni tagħha flimkien ma' dejta dwar il-PDG.***

Emenda 10

Proposta għal regolament Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

(13) Minħabba li *l-gruppi* differenti tal-kontijiet ekonomiċi ambjentali qegħdin *fi stadji differenti ta' żvilupp u maturità*, għandha tiġi adottata struttura modulari li toffri flessibilità xierqa.

Emenda

(13) Minħabba li *s-settijiet* differenti tal-kontijiet ekonomiċi ambjentali qegħdin *jiġu żviluppati u laħqu gradi ta' maturità differenti fid-diversi Stati Membri*, għandha tiġi adottata struttura modulari li tipprovdi flessibilità adegwata ***u li tiffaċilita l-introduzzjoni rapida ta' moduli addizzjonali.***

Emenda 11

Proposta għal regolament Premessa 14 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(14a) L-introduzzjoni ta' rekwiżiti addizzjonali ta' rappurtaġġ għandha tkun suġġetta għal valutazzjoni tal-impatt. Il-kompetenzi nazzjonali mhux se jiġu affettwati.

Emenda 12

Proposta għal regolament Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(15) Il-Kummissjoni għandha tkun intitolata li tagħti d-derogi lill-Istati Membri meta s-sistemi nazzjonali tal-istatistika tagħhom ikunu jeħtieġu adattamenti kbar.

(15) Il-Kummissjoni għandha tkun intitolata li tagħti derogi lill-Istati Membri ***għal perjodu limitat*** meta s-sistemi nazzjonali tal-istatistika tagħhom ikunu jeħtieġu adattamenti kbar.

Emenda 13

**Proposta għal regolament
Premessa 15 a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(15a) Il-Kummissjoni għandha, permezz tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, tħeġġeġ l-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika ta' pajjiżi terzi li jikkondividu riżorsi ambjentali (l-aktar l-ilma) mal-Istati Membri, jippreżentaw kontijiet ekonomiċi ambjentali ekwivalenti rigward l-aspetti fundamentali tal-iżvilupp sostenibbli, u għandha tikkontribwixxi għall-introduzzjoni ta' metodi ta' kontabbiltà korrispondenti.

Ġustifikazzjoni

Il-kooperazzjoni mal-uffiċċji nazzjonali korrispondenti ta' pajjiżi tal-viċinat hija neċessarja għall-iskrutinju komprensiv tal-kontijiet ekonomiċi ambjentali, fosthom dawk tal-UE.

Emenda 14

**Proposta għal regolament
Premessa 17**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(17) Il-miżuri meħtieġa għall-implementazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni.

imħassar

Ġustifikazzjoni

B'konformità mat-Trattat ta' Lisbona d-delega tas-setgħat lill-Kummissjoni għandha ssir b'konformità mal-Art. 290 tat-TFUE u mhux mas-sistema tal-komitoloġija. Fis-sistema ta' atti delegati m'hemm l-ebda qafas legali għall-involviment tal-Kumitat.

Emenda 15

Proposta għal regolament Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(19) Il-Kumitat Ewropew tas-Sistema tal-Istatistika għe kkonsultat,

imħassar

Ġustifikazzjoni

B' konformità mat-Trattat tal-Lisbona d-delega tas-setgħat lill-Kummissjoni għandha ssir b'konformità mal-Art. 290 tat-TFUE u mhux mas-sistema tal-komitoloġija. Fis-sistema ta' atti delegati m'hemm l-ebda qafas legali għall-involviment tal-Kumitat.

Emenda 16

Proposta għal regolament Artikolu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas komuni għall-ġbir, għall-kompilazzjoni, għat-trażmissjoni u għall-valutazzjoni tal-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej bil-għan li l-kontijiet ekonomiċi ambjentali jiġu stabbiliti bħala kontijiet satelliti tal-ESA 95, **billi jipprovdli l-metodoloġija, l-istandards komuni, id-definizzjonijiet, il-klassifikazzjonijiet u r-regola tal-kontijiet, maħsubin għall-użu fil-kompilazzjoni tal-kontijiet ekonomiċi ambjentali.**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas komuni għall-ġbir, għall-kompilazzjoni, għat-trażmissjoni u għall-valutazzjoni tal-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej bil-għan li l-kontijiet ekonomiċi ambjentali jiġu stabbiliti bħala kontijiet satelliti **skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2223/96 tat-23 ta' Ġunju 1996 dwar is-sistema Ewropea tal-kontijiet nazzjonali u reġjonali fil-Komunità (minn hawn 'il quddiem ESA 95) biex joffru mezz għall-monitoraġġ tal-pressjonijiet tal-ekonomija fuq l-ambjent u għall-esplorazzjoni dwar kif dawn jistgħu jittaffew.**

Ġustifikazzjoni

Kjarifika tal-objettiv tar-Regolament (ara wkoll il-Premessa 4).

Emenda 17

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Permezz ta' dan ir-Regolament il-Kummissjoni (Eurostat) tista' tagħmel, abbażi ta' dejta nazżjonali komparabbli, previżjonijiet affidabbli dwar is-sitwazzjoni ekoloġika u ekonomika sew ta' kull Stat Membru individwali kif ukoll tal-Unjoni Ewropea kollha kemm hi.

Emenda 18

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 9 bil-għan li taġġusta l-moduli skont l-iżviluppi ambjentali, ekonomiċi u ***tekniki, kif ukoll biex tipprovdi gwida tal-metodoloġija.***

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 9 bil-għan li taġġusta l-moduli skont l-iżviluppi ambjentali, ekonomiċi u ***żviluppi oħra***

Ġustifikazzjoni

Id-delega tas-setgħa għandha tkun ristretta għall-aġġustament tal-moduli u m'għandhiex tkopri l-introduzzjoni ta' moduli ġodda minħabba li dan jirrikjedi proposta leġiżlattiva ġdida b'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja. Ir-referenza għall-gwida metodoloġika fil-proposta COM mhijiex ċara, u għandha titħassar. Ikun aktar f'loku li tali referenza tiġi inkluża fl-Artikolu 5.

Emenda 19

Proposta għal regolament Artikolu 3 a (ġdid)

Artikolu 3a

L-iżvilupp ta' moduli ġodda tal-kontijiet ambjentali

Bħala prijorità, il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, għandha tiżviluppa l-moduli li ġejjin biex jiddaħħlu fl-ambitu ta' dan ir-Regolament sa tmiem l-2014:

- Infiq u Dħul tal-Protezzjoni Ambjentali (EPER)/Kontijiet tal-Protezzjoni u l-Infiq Ambjentali (EPEA), Settur tal-Prodotti u Servizzi Ambjentali (EGSS);

- Kontijiet tal-Enerġija;

- Trasferimenti Relatati mal-Ambjent (sussidji) u Kontijiet tal-Użu tar-Riżorsi u tal-Infiq ta' Ġestjoni (RUMEA);

- Kontijiet tal-Ilma (kwantitattivi u kwalitattivi) u Kontijiet tal-Iskart;

- Kontijiet tal-Foresti; u

- Kontijiet tas-Servizzi tal-Ekosistemi.

Ġustifikazzjoni

L-emenda ssaħħaħ l-emenda 8 tar-Rapporteur, billi żżid skadenza għall-moduli l-ġodda u modulu ġdid biex is-servizzi tal-ekosistemi jiddaħħlu fil-kontijiet.

Emenda 20

**Proposta għal regolament
Artikolu 4**

1. Il-Kummissjoni se twaqqaf programm ta' studji sperimentali biex isiru mill-Istati Membri fuq bażi volontarja biex jiġu żviluppati l-kwalità tar-rapportaġġ u tad-dejta, jiġu stabbiliti serje fuq tul ta' żmien u tkun żviluppata metodoloġija.

1. Il-Kummissjoni se twaqqaf programm ta' studji sperimentali biex isiru mill-Istati Membri fuq bażi volontarja biex jiġu żviluppati l-kwalità tar-rapportaġġ u tad-dejta, jiġu stabbiliti serje fuq tul ta' żmien u tkun żviluppata metodoloġija. ***Il-programm għandu jinkludi l-introduzzjoni tal-moduli ġodda tal-***

kontijiet ambjentali msemmija fl-Artikolu 3a. Fit-tfassil tal-programm, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-ebda piż addizzjonali amministrattiv jew finanzjarju se jiġi impost fuq dawk li jwieġbu.

2. Ir-riżultati *tal-istudji* sperimentali għandhom jiġu vvalutati mill-Kummissjoni, waqt li jiġu kkunsidrati l-benefiċċji tad-disponibbiltà tad-dejta mqabblin mal-ispejjeż tal-ġbir u l-piż tat-tweġib. Abbażi tal-konklużjonijiet tal-istudji sperimentali, il-Kummissjoni għandha tadotta l-atti ddelegati meħtieġa b'konformità mal-Artikolu 9.

2. Ir-riżultati *ta' dawn l-istudji* sperimentali għandhom jiġu vvalutati mill-Kummissjoni, waqt li jiġu kkunsidrati l-benefiċċji tad-disponibbiltà tad-dejta mqabblin mal-ispejjeż tal-ġbir u l-piż tat-tweġib. *Fit-twettiq tal-evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-ebda piż addizzjonali amministrattiv jew finanzjarju se jiġi impost fuq dawk li jwieġbu.* Abbażi tal-konklużjonijiet tal-istudji sperimentali, il-Kummissjoni għandha tadotta l-atti ddelegati meħtieġa b'konformità mal-Artikolu 9.

Ġustifikazzjoni

L-istudji sperimentali għandhom jintużaw ukoll għall-introduzzjoni ta' moduli ġodda tal-kontijiet ambjentali biex tingħbar l-esperjenza waqt l-użu, fi stadju bikri, ta' dan l-istrument, bil-għan li possibbilment jitwessa' l-ambitu tar-regolament.

Emenda 21

Proposta għal regolament Artikolu 5

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiġbru d-dejta meħtieġa biex jiġu osservati l-karatteristiċi tal-moduli msemmijin fl-Artikolu 3(2).
2. L-Istati Membri għandhom jiġbru d-dejta meħtieġa permezz ta' għadd ta' sorsi differenti speċifikati hawn taħt, filwaqt li japplikaw il-prinċipju ta' simplifikazzjoni amministrattiva:

(a) l-istħarriġ;

Emenda

1. ***B'konformità mal-annessi għal dan ir-Regolament***, l-Istati Membri għandhom jiġbru d-dejta meħtieġa biex jiġu osservati l-karatteristiċi tal-moduli msemmijin fl-Artikolu 3(2), ***fil-livell nazzjonali u reġjonali kif rilevanti.***
2. L-Istati Membri għandhom jiġbru d-dejta meħtieġa permezz ta' għadd ta' sorsi differenti speċifikati hawn taħt, filwaqt li japplikaw il-prinċipju ta' simplifikazzjoni amministrattiva:

(a) l-istħarriġ;

(b) proċeduri ta' estimi statistiċi meta xi wħud mill-karatteristiċi ma jkunux ġew osservati għall-unitajiet kollha;

(c) sorsi amministrattivi.

3. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u jipprovdu *d-dettalji* dwar il-metodi *li jkunu użaw* u *dwar il-kwalità tad-dejta mis-sorsi elenkati fil-paragrafu 2*.

(b) proċeduri ta' estimi statistiċi meta xi wħud mill-karatteristiċi ma jkunux ġew osservati għall-unitajiet kollha;

(c) sorsi amministrattivi.

3. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u jipprovdu *dettalji* dwar il-metodi u *s-sorsi li ntużaw*.

3a. Il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti delegati b'konformità mal-Artikolu 9 u skont il-kundizzjonijiet tal-Artikoli 10 u 11, atti delegati biex jipprovdu gwida metodoloġika biex tiffaċilita l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu.

Ġustifikazzjoni

Ir-rekwiżiti dwar il-ġbir għandhom ikunu ċċarati fil-paragrafi 1 u 2.

Id-dejta reġjonali hija importanti daqs id-dejta nazzjonali. L-indikaturi bejn reġjuni tal-istess pajjiż jistgħu jvarjaw b'mod sinifikanti, filwaqt li meta jitqiesu biss minn livell medju nazzjonali jistgħu juru sitwazzjoni differenti li ma tikkorrispondix mal-ispeċifitajiet ta' xi reġjuni. Skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà, id-dejta għandha tkun disponibbli f'livell lokali u reġjonali biex tkun appoġġjata b'deċiżjonijiet affidabbli ta' tfassil ta' politika. Fil-livell tal-UE, id-dejta hija utli biex jiġu identifikati gruppi ta' reġjuni u xejriet possibbli.

It-tħassir tar-referenza għall-kwalità fil-paragrafu 3 qed issir minħabba l-fatt li l-kwistjonijiet dwar il-kwalità huma ttrattati fl-Artikolu 7.

Il-Kummissjoni għandha tipprovdi gwida metodoloġika dwar l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu biex tiffaċilita l-ġbir ta' dejta komparabbli u ta' kwalità għolja.

Emenda 22

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu lill-Kummissjoni (Eurostat) id-dejta stabbilita fl-Annessi, inkluża dik kunfidenzjali, fil-limiti taż-żmien

Emenda

1. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu lill-Kummissjoni (Eurostat) id-dejta stabbilita fl-Annessi, inkluża dik kunfidenzjali, fil-limiti taż-żmien

speċifikati hemmhekk.

speċifikati hemmhekk.

***L-ewwel subparagrafu għandu jkun bla
ħsara għall-kompetenzi nazzjonali.***

Emenda 23

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Id-dejta għandha tiġi trażmessa bil-format tekniku xieraq li se *jkun* stipulat *skont il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 12(2).*

Emenda

2. Id-dejta għandha tiġi trażmessa f'format tekniku xieraq, li se *jiġi* stipulat ***mill-Kummissjoni permezz ta' atti delegati b'konformità mal-Artikolu 9.***

Emenda 24

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 2 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Matul il-perjodi ta' tranżizzjoni, u għal dawk l-Istati Membri li jeħtieġu l-perjodu ta' tranżizzjoni biex jgħaddu d-dejta lill-Eurostat, il-Kummissjoni (il-Eurostat) tista' tivvaluta l-valuri tal-moduli elenkati fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament.

Emenda 25

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Fl-applikazzjoni tal-kriterji ta' kwalità msemmija fil-paragrafu^o1 għad-dejta kopertà minn dan ir-Regolament, il-

Emenda

3. Fl-applikazzjoni tal-kriterji ta' kwalità msemmija fil-paragrafu 1 għad-dejta kopertà minn dan ir-Regolament, il-

modalitajiet, l-istruttura u l-frekwenza tar-rapporti ta' kwalità għandhom ikunu ddefiniti skont **il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 12(2)**.

modalitajiet, l-istruttura u l-frekwenza tar-rapporti ta' kwalità għandhom ikunu ddefiniti **mill-Kummissjoni permezz ta' atti delegati** skont **l-Artikolu 9**.

Emenda 26

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tivvaluta l-kwalità tad-dejta trażmessa.

Emenda

4. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tivvaluta l-kwalità tad-dejta trażmessa **u, fi żmien xahar, tista' toġġezzjona u tobbliga l-Istat Membru kkonċernat jippreżenta rapport imtejjeb.**

Emenda 27

Proposta għal regolament Artikolu 7 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 7a Fattibilità u effikaċja

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-fattibilità u l-effikaċja tal-kontijiet ekonomiċi ambjentali.

Emenda 28

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni tista' tagħti d-derogi lill-Istati Membri waqt il-perjodi ta' tranżizzjoni msemmija fl-Annessi skont **il-proċedura regolatorja msemmija fl-**

Emenda

1. Il-Kummissjoni tista' tagħti d-derogi lill-Istati Membri waqt il-perjodi ta' tranżizzjoni msemmija fl-Annessi, **permezz ta' atti delegati** skont **l-Artikolu 9**, fejn is-

Artikolu 12(2) fejn is-sistemi tal-istatistika nazzjonali jkunu jeħtieġu adattamenti kbar.

sistemi tal-istatistika nazzjonali jkunu jeħtieġu adattamenti kbar.

Emenda 29

Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. *Se jkunu kkonferiti s-setgħat li tadotta l-atti delegati msemminjin fl-Artikoli 3(3) u 4(2) fuq il-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien mhux definit.*

Emenda

1. *Is-setgħat ta' adożżjoni tal-atti delegati msemminja fl-Artikoli 3(3), 5(3a), 6(2), 7(3) u 8(1) għandhom jingħataw lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tagħmel rapport fir-rigward tas-setgħat iddelegati mhux aktar tard minn 6 xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħat għandha tiġi estiż awtomatikament għal perjodi tal-istess tul ta' żmien, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jirrevokaha skont l-Artikolu 10.*

Ġustifikazzjoni

Fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 290 (1) u (2) tat-TFUE, huwa essenzjali li jkun stabbilit espliċitament li t-tul tad-delega tas-setgħat se jkun ta' ħames snin u li dan il-perjodu għandu jiġi estiż awtomatikament għal perjodi suċċessivi ta' ħames snin il-wieħed sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jirrevokahex.

L-għan tar-rapport speċifiku dwar id-delega tas-setgħat huwa differenti mir-rapport ta' evalwazzjoni stipulati fl-Artikolu 11a. L-iskadenza għall-kunsinna (ħames snin) hija, madankollu, l-istess għat-tnejn biex il-kompiti ta' rappurtaġġ tal-Kummissjoni jkunu ffaċilitati.

Emenda 30

Proposta għal regolament Artikolu 10 - paragrafi 1 u 2

Test propost mill-Kummissjoni

1. Id-delega tas-setgħa msemminja fl-Artikoli 3(3) u 4(2) tista' tiġi rrevokata

Emenda

1. Id-delega tas-setgħat imsemminja fl-Artikoli 3(3), 5 (3a), 6(2), 7(3) u 8 (1) tista'

mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.

2. L-istituzzjoni li tkun tat bidu għal proċedura interna biex jiġi deċiż jekk għandhiex tkun revokata d-delegazzjoni tas-setgħat għandha tinforma *lil-leġiżlatur* l-ieħor u lill-Kummissjoni *mill-inqas xahar* qabel ma tittieħed l-aħħar deċiżjoni, u *tiddikjara* s-setgħat delegati li jistgħu jkunu soġġetti għar-revoka u *r-raġunijiet* għal *din* ir-revoka.

tiġi rrevokata mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill *fi kwalunkwe mument*.

2. L-istituzzjoni li tkun bdiet proċedura interna sabiex tiddeċiedi jekk tirrevokax id-delega ta' setgħat għandha *timpinja ruħha* biex tinforma *lill-istituzzjoni* l-oħra u lill-Kummissjoni *fi żmien raġonevoli* qabel ma tittieħed id-deċiżjoni finali, filwaqt li *tindika* s-setgħat iddelegati li jistgħu jkunu soġġetti għal revoka u r-raġunijiet *possibbli għar-revoka*.

Ġustifikazzjoni

Tibdiliet u aġġustamenti qed jiddaħħlu biex din id-dispożizzjoni tkun allinjata mad-diċitura standard adottata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fl-hekk imsejjaħ "pets file".

Emenda 31

Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafi 1 u 2

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill *jistgħu joġġezzjonaw* għal att delegat f'perjodu ta' xahrejn mid-data tan-notifika. *Bl-inizjattiva* tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill dan il-perjodu jista' jittawwal *b'xahar*.

2. Jekk, *sakemm jispiċċa dan il-perjodu*, la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għall-att delegat, *jew jekk, qabel il-limitu taż-żmien, il-Parlament u l-Kunsill ikunu t-tnejn li huma infurmaw lill-Kummissjoni li ddeċidew li ma joġġezzjonawx, l-att delegat* jidħol fis-seħħ fid-data *li tkun imsemmija fid-dispożizzjonijiet tiegħu*.

Emenda

1. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill *jista' joġġezzjona* għal att delegat f'perjodu ta' xahrejn mid-data tan-notifika. *Fuq inizjattiva* tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill dan il-perjodu jista' jittawwal *b'xahrejn*.

2. Jekk, *meta jiskadi l-perjodu msemmi fil-paragrafu 1*, la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jkunu oġġezzjonaw għall-att delegat, *dan għandu jiġi ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u għandu* jidħol fis-seħħ fid-data *msemmija fih*.

L-att iddelegat jista' jiġi ppubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u jidħol fis-seħħ qabel ma jiskadi dak il-perjodu jekk il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn li huma infurmaw lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom li

ma joġġezzjonawx.

Ġustifikazzjoni

Tibdiliet qed jiddaħħlu biex din id-dispożizzjoni tkun allinjata mad-diċitura standard adottata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fl-hekk imsejjaħ "pets file".

Emenda 32

Proposta għal regolament Artikolu 11 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 11a Rapport u Rieżami

Il-Kummissjoni għandha tressaq rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kull tliet snin. Dak ir-rapport għandu jivvaluta b'mod partikolari l-kwalità tad-dejta trażmessa, kif imsemmi fl-Artikolu 6, il-metodi tal-ġbir tad-dejta, il-piż amministrattiv u s-siwi ta' dik id-dejta partikolarment rigward l-objettivi stipulati fl-Artikolu 1. Għandu wkoll jivvaluta l-possibiltajiet għall-introduzzjoni ta' moduli ġodda tal-kontijiet ambjentali flimkien ma' dawk imsemmija fl-Artikolu 3a.

Ir-rapport għandu, jekk inhu xieraq, ikun akkumpanjat minn proposti rilevanti:

- *biex jiddaħħlu moduli ġodda tal-kontijiet ambjentali;*
- *maħsuba biex ikomplu jtejbu l-kwalità tad-dejta u l-metodi tal-ġbir tad-dejta, biex b'hekk jittejbu l-kopertura u l-komparabbiltà tad-dejta u jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq in-negozji u l-amministrazzjoni.*

L-ewwel rapport għandu jitressaq mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2013.

Ġustifikazzjoni

Il-proposta COM ma f'hiex klawnsola ta' revizzjoni li tinkludi obbligu tal-Kummissjoni li tressaq fuq bażi regolari rapport komprensiv dwar l-esperjenza miksuba bl-implimentazzjoni tar-Regolament. Dan ir-rapport għandu jivvaluta wkoll il-possibiltajiet għall-introduzzjoni ta' moduli ġodda tal-kontijiet ambjentali (ara l-Artikolu 3a (ġdid)).

Emenda 33

**Proposta għal regolament
Anness I - taqsima 3 - ringiela 14 a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Ożonu

0₃

**tunnellati
(Mg)**

Emenda 34

**Proposta għal regolament
Anness I – taqsima 4 – punt 2 a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-utenti għal dejta f'waqtha, il-Eurostat għandu jippubblika "now-casts" għal dejta li l-Istati Membri ma jkunux ittrażmettew fi żmien 12-il xahar wara tmiem is-sena ta' referenza.

Ġustifikazzjoni

L-utenti jeħtieġu settijiet ta' dejta f'waqtha. Id-diliġenza hija msemija fl-Azzjoni II tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-PDG u lil hinn u bħala waħda minn tmien kriterji ta' kwalità għall-istatistika uffiċjali.

Emenda 35

**Proposta għal regolament
Anness II – taqsima 4 – punt 2 a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-utenti għal dejta f'waqtha, il-Eurostat għandu jippubblika "now-casts" għal dejta li l-Istati Membri ma jkunux ittrażmettew fi żmien 12-il xahar wara tmiem is-sena ta' referenza.

Ġustifikazzjoni

L-utenti jeħtieġu settijiet ta' dejta f'waqtha. Id-diliġenza hija msemija fl-Azzjoni II tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-PDG u lil hinn u bħala waħda minn tmien kriterji ta' kwalità għall-istatistika uffiċjali.

Emenda 36

**Proposta għal regolament
Anness III - titolu**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

MODULU GĦALL-KONTIJET TAĊ-
ĊIRKOLAZZJONI TAL-MATERJALI
FUQ IL-FIRXA KOLLHA TAL-
EKONOMIJA (EW-MFA)

MODULU GĦALL-KONTIJET TAĊ-
ĊIRKOLAZZJONI **U L-ISTOKK** TAL-
MATERJALI FUQ IL-FIRXA KOLLHA
TAL-EKONOMIJA (**EW-MSA u** EW-
MFA)

Emenda 37

**Proposta għal regolament
Anness III – taqsima 1 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-EW-MFA jkopru l-materjali solidi, gassużi **u** likwidi kollha *mkejla f'unitajiet ta' massa kull sena, ħlief iċ-ċirkolazzjoni tal-arja u l-ilma*. Bħas-sistema ta' kontijiet nazzjonali, il-kontijiet taċ-ċirkolazzjoni tal-materjali fuq il-firxa kollha tal-ekonomija għandhom żewġ għanijiet ewlenin. Iċ-ċirkolazzjonijiet tal-materjali ddettaljati

L-EW-MSA u l-EW-MFA jkopru l-materjali solidi, gassużi u likwidi kollha **kif ukoll materjali teknosferi**, minn barra flussi ta' arja u ilma, imkejla f'unitajiet tal-massa għal kull sena. Bħas-sistema ta' kontijiet nazzjonali, il-kontijiet taċ-ċirkolazzjoni tal-materjali fuq il-firxa kollha tal-ekonomija għandhom żewġ

jipprovdu database empirika rikka għal varjetà ta' studji analitiċi. Jintużaw ukoll biex jiġu kkompilati varjetà ta' indikaturi taċ-ċirkolazzjoni tal-materjali fuq firxa sħiħa tal-ekonomija għall-ekonomiji nazzjonali.

għanijiet ewlenin. Iċ-ċirkolazzjonijiet tal-materjali ddettaljati jipprovdu database empirika rikka għal varjetà ta' studji analitiċi. Jintużaw ukoll biex jiġu kkompilati varjetà ta' indikaturi taċ-ċirkolazzjoni tal-materjali fuq firxa sħiħa tal-ekonomija għall-ekonomiji nazzjonali. ***Flimkien mal-evoluzzjoni tal-kont tal-istokks materjali jipprovdu informazzjoni importanti għall-valutazzjoni tal-użu tal-assi tar-riżorsi naturali b'rabta mad-disponibilità u r-riġenerazzjoni tagħhom.***

Emenda 38

Proposta għal regolament Anness III - taqsima 3 - punt 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom *jipprovdu* l-istatistiċi dwar il-karatteristiċi elenkati fit-Taqsima 5.

Emenda

L-Istati Membri għandhom *jipproduċu* statistika dwar il-karatteristiċi elenkati fit-Taqsima 5 ***għall-EW-MFA u għal EW-MSA fejn applikabbli.***

Emenda 39

Proposta għal regolament Anness III – taqsima 4 – punt 2 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-utenti għal dejta f'waqtha, il-Eurostat għandu jippubblika "now-casts" għal dejta li l-Istati Membri ma jkunux ittrażmettew fi żmien 12-il xahar wara tmiem is-sena ta' referenza fil-livell taż-żewġ ċifri skont itabelli A u B.

Ġustifikazzjoni

L-utenti jeħtieġu settijiet ta' dejta f'waqtha. Id-diliġenza hija msemmija fl-Azzjoni II tal-Pjan

ta' Azzjoni dwar il-PDG u lil hinn u bħala waħda minn tmien kriterji ta' kwalità għall-istatistika uffiċjali.

Emenda 40

Proposta għal regolament

Anness III - taqsima 5 - qabel tabella A - subparagrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Fil-kuntest tar-rapport skont l-Artikolu 11a, il-Kummissjoni għandha teżamina jekk l-informazzjoni fakultattiva tistax tinbidel b'informazzjoni obbligatorja.

Ġustifikazzjoni

Hekk kif ikunu stabbiliti l-istrutturi għall-ksib tad-dejta, ma jkun għad hemm l-ebda raġuni biex tinżamm id-distinzjoni bejn informazzjoni fakultattiva u obbligatorja.

Emenda 41

Proposta għal regolament

Anness III – taqsima 5 – tabella A – punt 1.4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1.4 Qbid ta' ħut selvaġġ, pjanti/annimali akkwatiċi, kaċċa u ħsad

1.4 Qbid ta' ħut selvaġġ, pjanti/annimali akkwatiċi, kaċċa u ħsad(*)

Ġustifikazzjoni

*Żieda ta' (**) fit-Titolu 1.4 tat-tabelli ta' rappurtaġġ.*

Emenda 42

Proposta għal regolament

Anness III - taqsima 5 - tabella A - punt 2 - subpunt 3.10 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3.10a Estrazzjoni/ħsad u skavi mhux użati (*)**

3.10a.1 Ħsad mhux użat tal-bijomassa (*)**

3.10a.2 Estrazzjoni mhux użata ta' minerali metalliċi (*)**

3.10a.3 Estrazzjoni mhux użata ta' minerali mhux metalliċi (*)**

3.10a.4 Estrazzjoni mhux użata ta' materjali tal-enerġija fossili (*)**

3.10a.5. Estrazzjoni mhux użata ta' ħamrija u tħammil (*)**

3.10a 5.1 Estrazzjoni mhux użata ta' ħamrija minn attivitajiet tal-kostruzzjoni (*)**

3.10a.5.2 Tħammil (*)**

Ġustifikazzjoni

L-inklużjoni tal-estrazzjoni mhux użata tikkorrispondi mal-linji gwida proċedurali tal-Eurostat (2001) u tal-OECD (2008). Xi Stati Membri diġà jiġbru dejta dwar estrazzjoni mhux użata. Dan ir-Regolament għandu jaċċellera l-introduzzjoni u l-armonizzazzjoni ta' din il-prattika fl-UE kollha kemm hi.

Emenda 43

Proposta għal regolament

Anness III - taqsima 5 - tabella A - nota tal-qiegħ 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(*) Barra dan, rappurtaġġ **volontarju** tal-inkrement nett tal-istokk **tal-injam**.

(*) Barra minn hekk, ir-rappurtaġġ **taż-żieda netta** tal-istokk.

Emenda 44

Proposta għal regolament

Annex III - taqsima 5 - tabella B - punt 3 - subpunt 3.10 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3.10a Estrazzjoni/ħsad u skavi mhux użati ()*

3.10a.1 Ħsad mhux użat tal-bijomassa ()*

3.10a.2 Estrazzjoni mhux użata ta' minerali metalliċi ()*

3.10a.3 Estrazzjoni mhux użata ta' minerali mhux metalliċi ()*

3.10a.4 Estrazzjoni mhux użata ta' materjali tal-enerġija fossili ()*

3.10a.5. Estrazzjoni mhux użata ta' ħamrija u tħammil ()*

3.10a 5.1 Estrazzjoni mhux użata ta' ħamrija minn attivitajiet tal-kostruzzjoni ()*

3.10a.5.2 Tħammil ()*

Ġustifikazzjoni

L-inklużjoni tal-estrazzjoni mhux użata tikkorrispondi mal-linji gwida proċedurali tal-Eurostat (2001) u tal-OECD (2008). Xi Stati Membri diġà jġgħbru dejta dwar estrazzjoni mhux użata. Dan ir-Regolament għandu jaċċelera l-introduzzjoni u l-armonizzazzjoni ta' din il-prattika fl-UE kollha kemm hi.

Emenda 45

Proposta għal regolament

Annex I - taqsima 6 - subparagrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-utenti għal dejta Ewropea kompleta, il-Eurostat għandu jipproduċi u jippubblika stima f'każijiet fejn jingħata perjodu tranżitorju, fil-livell taż-żewġ ċifri skont it-tabelli A u

B.

Ġustifikazzjoni

Il-ħtiġijiet tal-utenti għal settijiet ta' dejta kompleta jridu jiġu ssodisfati billi dan huwa l-valur miżjud ewlieni għat-teħid ta' deċiżjonijiet.

NOTA SPJEGATTIVA

Fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Ġunju 2006, il-Kunsill Ewropew talab lill-UE u l-Istati Membri tagħha biex jestendu l-kontabbiltà nazzjonali għall-aspetti ewlenin tal-Iżvilupp Sostenibbli. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Settembru 2009 "Il-PDG u lil hinn - Inkejlu l-progress f'dinja li dejjem tinbidel" (COM/2009/0433 finali) għandha titqies f'dan il-kuntest. Din il-Komunikazzjoni tippreżenta għadd ta' miżuri li għandhom jitwettqu fiż-żmien qasir u medju biex jiżviluppaw indikaturi komprensivi li jipprovdu informazzjoni bażika aktar affidabbli għal diskussjoni pubblika u tfassil tal-politika aħjar. Din il-proposta tal-Kummissjoni għal kontijiet ekonomiċi ambjentali hija kontribut importanti għal dan l-approċċ.

Valutazzjoni soda tal-politika ambjentali Ewropea tista' ssir biss meta tkun disponibbli dejta affidabbli. Għaldaqstant pass neċessarju huwa li l-Istati Membri jkollhom l-obbligu li jiġbru din id-dejta. Dejta ambjentali attwalment disponibbli fl-livell Ewropew għandha titwessgħa fiż-żmien medju biex tiġi ffaċilitata l-valutazzjoni tal-politiki. Ir-riċiklaġġ u l-evitar tal-iskart, l-emissjonijiet fl-arja u t-tibdil fil-klima u l-konsum u l-produzzjoni sostenibbli lkoll jistgħu jiġi sorveljati b'mod aktar effettiv jekk tkun disponibbli dejta ta' kwalità għolja dwar l-interazzjoni bejn fatturi ambjentali u fatturi ekonomiċi. Filwaqt li tali dejta tista' tinġabar mill-kontijiet ambjentali, huwa essenzjali għal dan il-għan li tiġi żgurata l-kooperazzjoni tal-Istati Membri kollha u l-armonizzazzjoni bis-sħiħ fl-livell tal-UE.

Filwaqt li, fil-fehma tiegħi, il-proposta tal-Kummissjoni bażikament tissodisfa dawn ir-rekwiżiti, jeħtieġ li jkunu stipulati b'mod aktar speċifiku l-oġettivi li għandhom jintlaħqu u għandha tiġi stabbilita b'mod ċar id-direzzjoni li għandha tittieħed fil-futur rigward il-kontijiet ekonomiċi ambjentali.

Dwar l-ambitu u l-oġettiv

Il-kontijiet ekonomiċi ambjentali għandhom jagħtu kontribut għall-valutazzjoni tal-politiki, b'mod partikolari billi jagħmlu disponibbli dejta dwar l-effetti ambjentali tal-attivitajiet ekonomiċi. Informazzjoni ta' dan it-tip tista' tkun ta' valur kbir għat-tfassil tal-politika ambjentali.

Il-miri u l-għanijiet ta' din il-proposta għal regolament, flimkien mal-kontribut tagħha għall-istrateġija "PGD u lil hinn minnu" għandhom isiru aktar ċari fil-proposta.

Ambitu

Il-proposta għal regolament tipprevedi biss il-ġbir u l-kompilazzjoni tad-dejta fl-oqsma tal-emissjonijiet fl-arja, taxxi ambjentali applikabbli għal diversi setturi ekonomiċi kif ukoll kontijiet makroekonomiċi tal-flussi ta' materjali. Inqis li dan huwa l-ewwel pass lejn l-istabbiliment ta' kontijiet ekonomiċi ambjentali aktar komprensivi, peress li, skont is-servizzi tal-istatistika Ewropej u nazzjonali, dejta li tikkorrispondi għall-Ewropa kollha hija disponibbli f'dawn l-oqsma biss. Jiena tal-fehma li għandhom jiġu identifikati fi pjan ta' ħidma moduli ġodda prijoritarji li x-xogħol fuqhom diġà jinsab għaddej u li d-dejta korrispondenti

wkoll għandha tkun disponibbli f'qasir żmien. L-applikabbiltà ta' dawn il-moduli fil-prattika għandha tiġi eżaminata permezz ta' studji sperimentali. Peress li d-dejta miġbura tista' tkun ta' siwi kbir għall-finijiet tat-tfassil tal-politika ambjentali, jiena favur l-introduzzjoni u l-implimentazzjoni rapida tal-moduli proposti fl-livell tal-UE.

Verifika

Il-proposta tal-Kummissjoni għandu jkollha klawsola ta' verifika. B'mod regolari, il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-implimentazzjoni fil-prattika tar-regolament. Sal-lum il-ġurnata, fl-livell Ewropew, ma nkisbet l-edba esperjenza dwar standards vinkolanti għal kontijiet ekonomiċi ambjentali. Għalhekk huwa importanti li l-affidabbiltà u l-komparabbiltà tad-dejta jkunu verifikati sabiex ikun jista' jsir titjib u biex ikun garantit standard għoli fil-kontijiet ekonomiċi ambjentali. Barra minn hekk, l-iżvilupp ta' moduli ġodda u tal-esperjenza miksuba fil-kuntest ta' studji sperimentali għandhom jitqiesu b'mod xieraq. Ir-rapport ta' verifika għandu jservi bħala okkażjoni biex ir-regolament jiġi aġġustat fid-dawl ta' żviluppi u esperjenzi ġodda.

28.10.2010

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJJIET EKONOMIĊI U MONETARJI

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej
(COM(2010)0132 – C7-0092/10 – 2010/0073(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Hans-Peter Martin

EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijjet Ekonomiċi u Monetarji jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal regolament Premessa -1 (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(-1) Permezz ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni (Eurostat) tingħata oqsma ta' responsabbiltà u funzjonijiet ta' monitoraġġ ġodda u importanti. Biex is-servizz ikun jista' jaqdihom, għandhom isiru disponibbli biżżejjed persunal u riżorsi finanzjarji. Ir-riżorsi finanzjarji meħtieġa għall-Kummissjoni (Eurostat) għandhom isiru disponibbli permezz ta' trasferimenti fil-baġit tal-Unjoni

Ewropea.

Emenda 2

Proposta għal regolament Premessa -1 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(-1a) Il-fondi magħmula disponibbli għandhom jintużaw mill-Kummissjoni (il-Eurostat) b'mod ekonomikament responsabbli u trasparenti, kif ukoll b'mod effiċjenti f'dik li hija burokrazija. Ir-riżultati tal-kontijiet ekonomiċi ambjentali għandhom isiru disponibbli lill-pubbliku b'mod li jkunu aċċessibbli u jinftiehm u faċilment.

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa -1 b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(-1b) Ir-riżorsi umani u finanzjarji addizzjonali, li l-Kummissjoni (il-Eurostat) se tkun teħtieġ sabiex taqdi l-kompiti estiżi tagħha jistgħu jiġu rrilaxxati bħala 'dividend tat-tkabbir' bit-trasferiment ta' persunal żejjed tad-Direttorat Ġenerali għat-Tkabbir tal-Kummissjoni.

Emenda 4

Proposta għal regolament Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) L-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jistipula li l-Unjoni “għandha taħdem għall-iżvilupp sostenibbli tal-Ewropa msejjes fuq tkabbir ekonomiku bbilanċjat u l-istabbiltà tal-prezzijiet, fuq ekonomija soċjali tas-suq b’kompetittività għolja, li jimmira li jikseb l-impjieġ sħiħ u l-progress soċjali, u msejjes fuq livell għoli ta’ ħarsien u titjib fil-kwalità tal-ambjent.

Emenda

(1) L-Artikolu 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jistipula li l-Unjoni “għandha taħdem għall-iżvilupp sostenibbli tal-Ewropa msejjes fuq tkabbir ekonomiku bbilanċjat u l-istabbiltà tal-prezzijiet, fuq ekonomija soċjali tas-suq b’kompetittività għolja, li jimmira li jikseb l-impjieġ sħiħ u l-progress soċjali, u msejjes fuq livell għoli ta’ ħarsien u titjib fil-kwalità tal-ambjent, ***filwaqt li jikkunsidra li dawn l-għanijiet jistgħu jintlaħqu l-aħjar permezz ta’ swieq miftuħa.***

Emenda 5

**Proposta għal regolament
Premessa 1 a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) It-twessigħ tal-SEK 95 permezz ta’ dan ir-Regolament ilu mistenni u huwa urġenti. Minħabba l-iskarsezza ta’ riżorsi madwar id-dinja, madankollu, dan it-twessigħ tas-sistema tal-kontijiet jista’ ma jkunx aktar minn l-ewwel pass lejn ‘Statistika Ewropea tas-Sostenibbiltà’ (SES), sistema li tkun rikonoxxuta f’livell internazzjonali, u li minbarra indikaturi ekonomiċi għandha tinkludi qabel kollox il-firxa sħiħa ta’ indikaturi ambjentali u soċjali.

Emenda 6

**Proposta għal regolament
Premessa 2 a (ġdida)**

(2a) Approċċ xjentifikament b'saħtu lejn l-iskarsezza tar-riżorsi u l-ekosistema fil-ġejjieni se jkun fattur deċiżiv għall-iżvilupp ekonomiku sostenibbli tal-Unjoni Ewropea.

Emenda 7

Proposta għal regolament Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2009) 433 ta' Awwissu 2009 dwar il-PDG u lil hinn, għarfet il-ħtieġa li mal-indikaturi li jeżistu diġà hemm bżonn tiżdied id-dejta li tinkorpora l-aspetti ambjentali u soċjali. Għal dan l-għan, ir-rendikonti ambjentali jipprovdu mezz ta' sorveljanza **tal-pressjonijiet** tal-ekonomija fuq l-ambjent u jipprovdu wkoll mezz ta' esplorazzjoni dwar kif dawn jistgħu jittaffew. Konformi mal-prinċipji tal-iżvilupp sostenibbli u l-kampanja biex tinkiseb ekonomija **li timxi fuq użu baxx tal-karbonju**, li huma fil-qalba tal-Istrateġija **ta' Lisbona** u ta' inizjattivi ewlenin oħra, l-iżvilupp ta' qafas tad-dejta li jinkludi kwistjonijiet ambjentali b'mod konsistenti, flimkien ma' dawk ekonomiċi, sar iżjed u iżjed meħtieġ.

Emenda

(4) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2009) 433 ta' Awwissu 2009 dwar il-PDG u lil hinn, għarfet il-ħtieġa li mal-indikaturi li jeżistu diġà hemm bżonn tiżdied id-dejta li tinkorpora l-aspetti ambjentali u soċjali. Għal dan l-għan, ir-rendikonti ambjentali jipprovdu mezz ta' sorveljanza **tal-effetti negattivi kollha** tal-ekonomija fuq l-ambjent u jipprovdu wkoll mezz ta' esplorazzjoni dwar kif dawn jistgħu jittaffew. Konformi mal-prinċipji tal-iżvilupp sostenibbli u l-kampanja biex tinkiseb ekonomija **b'użu effiċjenti tar-riżorsi u bi ftit tniġġis**, li huma fil-qalba tal-Istrateġija **Ewropa 2020** u ta' inizjattivi ewlenin oħra, l-iżvilupp ta' qafas tad-dejta li jinkludi kwistjonijiet ambjentali b'mod konsistenti, flimkien ma' dawk ekonomiċi, sar iżjed u iżjed meħtieġ. **L-istabbiliment tal-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej huwa essenzjali f'din il-perspettiva, imma għandu jitqies biss bħala l-ewwel pass u m'għandu bl-ebda mod itellef l-iżvilupp ta' indikaturi alternattivi għall-PDG, li jkopru firxa aktar estensiva ta' fatturi soċjali u ambjentali, inklużi indikaturi relatati mal-kundizzjonijiet tal-ġhajxien, l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u l-internalizzazzjoni ta'**

esternalitajiet ambjentali, b'attenzjoni sħiħa għal indikaturi kemm monetarizzati kif ukoll fiżiċi.

Emenda 8

Proposta għal regolament Premessa 6 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6a) Huwa ta' importanza kbira li malli s-sistema tibda topera bis-sħiħ il-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej jintużaw attivament u akkuratament fit-tfassil tal-politika kollha rilevanti tal-UE bħala input ewlieni għall-valutazzjoni tal-impatt, il-pjanijiet ta' azzjoni, il-proposti leġiżlattivi u prodotti oħra sinifikattivi tal-proċess tal-politika.

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10) Il-Kummissjoni ppreżentat l-ewwel strateġija tagħha dwar “il-kontabbiltà ekoloġika” fl-1994. Minn dak iż-żmien ’il hawn, il-Kummissjoni (Eurostat) u l-Istati Membri żviluppaw u ttestjaw il-metodi tal-kontijiet sal-punt li bosta Stati Membri illum il-ġurnata jipprovdu regolarment l-ewwel sett ta’ kontijiet ambjentali. L-aktar komuni huma l-kontijiet tal-flussi fiżiċi dwar l-emissjonijiet fl-arja (fosthom il-gassijiet serra) u dwar il-konsum materjali u l-kontijiet monetarji dwar in-nefqa u t-taxxi għall-ħarsien ambjentali.

(10) Il-Kummissjoni ppreżentat l-ewwel strateġija tagħha dwar “il-kontabbiltà ekoloġika” fl-1994. Minn dak iż-żmien ’il hawn, il-Kummissjoni (Eurostat) u l-Istati Membri żviluppaw u ttestjaw il-metodi tal-kontijiet sal-punt li bosta Stati Membri illum il-ġurnata jipprovdu regolarment l-ewwel sett ta’ kontijiet ambjentali. L-aktar komuni huma l-kontijiet tal-flussi fiżiċi dwar l-emissjonijiet fl-arja (fosthom il-gassijiet serra) u dwar il-konsum materjali u l-kontijiet monetarji dwar in-nefqa u t-taxxi għall-ħarsien ambjentali. ***Biex dan ir-Regolament jikkontribwixxi għall-bini ta’ sistema ta’ ‘Statistika Ewropea tas-***

Sostenibbiltà' (SES) li tipprovdli stampa komprensiva tal-interessi Ewropej ta' rilevanza ambjentali, il-Kummissjoni għandha tiżviluppa bosta moduli, inklużi moduli għal fatturi finanzjarji (eż. kontijiet tal-infiq ambjentali, kontijiet tal-manufattura u l-forniment ta' servizzi, kontijiet tal-użu tar-riżorsi), moduli għal fatturi tanġibbli (eż. kontijiet taċ-ċikli tal-materja prima internazzjonali, kontijiet tal-eneġġija, l-ilma u l-ilma ta' skart) u moduli dwar l-assi (eż. kontijiet tat-tisġir, kontijiet tal-bijodiversità, kontijiet taż-żoni naturali protetti). Biex jikkomplementaw il-fokus ambjenatli ta' din is-sistema, għandhom jiġu żviluppati indikaturi għall-kejl tas-sostenibbiltà f'sens usa', b'enfasi fuq kwistjonijiet bħall-impatt tas-sistema tat-trasport, l-effiċjenza tal-eneġġija, l-investimenti hodur u l-affarijiet soċjali.

Emenda 10

Proposta għal regolament Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

(13) Minħabba li l-gruppi differenti tal-kontijiet ekonomiċi ambjentali qegħdin fi stadji differenti ta' żvilupp u maturità, għandha tiġi adottata struttura modulari li toffri flessibbiltà xierqa.

Emenda

(13) Minħabba li l-gruppi differenti tal-kontijiet ekonomiċi ambjentali qegħdin fi stadji differenti ta' żvilupp u maturità, għal perjodu tranżizzjonali ta' sitt snin għandha tiġi adottata **għal perjsou tranżizzjonali ta' sitt snin** struttura modulari li toffri flessibbiltà xierqa. **Il-mira għandha tkun standard uniformi ta' kwalità għal "Statistika Ewropea tas-Sostenibbiltà" (SES) ġdida u komprensiva.**

Emenda 11

Proposta għal regolament Premessa 18 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(18a) Biex il-Kummissjoni (il-Eurostat) tkun tista' twettaq ir-responsabilitajiet ġodda ewlenin li qed tingħata permezz ta' dan ir-regolament, għandhom jiġu allokati riżorsi umani u finanzjarji suffiċjenti permezz ta' tqassim ġdid tal-gruppi tar-riżorsi finanzjarji eżistenti fil-baghit tal-Unjoni Ewropea.

Emenda 12

Proposta għal regolament Artikolu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas komuni għall-ġbir, għall-kompilazzjoni, għat-trażmissjoni u għall-valutazzjoni tal-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej bil-għan li l-kontijiet ekonomiċi ambjentali jiġu stabbiliti bħala kontijiet satelliti tal-ESA 95, billi jipprovdi l-metodoloġija, l-istandards komuni, id-definizzjonijiet, il-klassifikazzjonijiet **u** r-regola *tal-kontijiet*, maħsubin għall-użu fil-kumpilazzjoni tal-kontijiet ekonomiċi ambjentali.

Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas komuni **vinkolanti** għall-ġbir, għall-kompilazzjoni, għat-trażmissjoni u għall-valutazzjoni tal-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej bil-għan li l-kontijiet ekonomiċi ambjentali jiġu stabbiliti bħala kontijiet satelliti tal-ESA 95, billi jipprovdi l-metodoloġija, l-istandards komuni, id-definizzjonijiet, il-klassifikazzjonijiet, **ir-regoli u l-obbjettivi tal-kontabilità**, maħsubin għall-użu fil-kumpilazzjoni tal-kontijiet ekonomiċi ambjentali.

Emenda 13

Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Dan ir-Regolament iġib il-Kummissjoni (Eurostat) fil-qagħda li, abbażi ta' dejta nazzjonali komparabbli, tkun tista' tagħmel previżjonijiet affidabbli dwar is-sitwazzjoni ekoloġika u ekonomika sew ta' kull Stat Membru individwali kif ukoll tal-

Emenda 14

Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 3 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Biex dan ir-Regolament jikkontribwixxi għall-bini ta' sistema ta' 'Statistika Ewropea tas-Sostenibbiltà' (SES) li tipprovdi stampa komprensiva tal-interessi Ewropej ta' rilevanza ambjentali, il-Kummissjoni għandha tiżviluppa bosta moduli, inklużi b'mod partikolari moduli għal data finanzjarja relatat mal-ambjent, fatturi ambjentali tanġibbli u assi naturali.

Emenda 15

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Il-Kummissjoni *se* twaqqaf programm ta' studji sperimentali biex isiru mill-Istati Membri ***fuq bażi volontarja*** biex jiġu żviluppati l-kwalità *tar-rapportaġġ* u tad-dejta, jiġu stabbiliti serje fuq tul ta' ***żmien u tkun żviluppata metodoloġija.***

1. Il-Kummissjoni *għandha* twaqqaf ***fi żmien sentejn u b'relazżjoni mill-qrib ma' żviluppi ulterjuri dwar il-Komunikazzjoni tagħha rigward "il-PDG u lil hinn",*** programm ***komprensiv u koordinat*** ta' studji sperimentali biex isiru mill-Istati Membri biex jiġu żviluppati l-kwalità *tar-rapportar* u tad-dejta, ***tittejjeb il-metodoloġija*** u biex tiġi stabbilita serje fuq tul ta' ***żmien, inkluża l-inklużjoni usa' ta' indikaturi relatati mal-effiċjenza tar-riżorsi u l-internalizzazzjoni tal-esternalitajiet ambjentali. Dan il-programm għandu jiġi ppubblikat fuq l-internet u rappurtat lill-Parlament***

Emenda 16

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 2 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Matul il-perjodi ta' tranżizzjoni applikabbli u għal dawk l-Istati Membri li jeħtieġu l-perjodu ta' tranżizzjoni biex jgħaddu d-dejta lill-Eurostat, il-Kummissjoni (il-Eurostat) tista' tivvaluta l-valuri tal-moduli elenkati fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament.

Emenda 17

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tivvaluta l-kwalità tad-dejta trażmessa.

4. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tivvaluta l-kwalità tad-dejta trażmessa u, fi żmien xahar, tista' toġġezzjona u tesiġi li l-Istat Membru rispettiv jippreżenta rapport imtejjeb.

Emenda 18

Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 4 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. Sabiex tkompli tiżviluppa l-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej, inkluża l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-istatistika nazzjonali u l-Kummissjoni (il-

*Eurostat) f'dan il-qasam, il-Kummissjoni għanda, sa ... * u kull erba' snin wara, tressaq rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-kwalità u l-utilità tal-istatistika kkompilata skont dan ir-Regolament.*

** Sentejn mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.*

Emenda 19

Proposta għal regolament Anness I – taqsima 3 – punt 14 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Isem tal-emissjoni fl-arja

O₃

Is-simbolu tal-emissjoni fl-arja

0₃

L-unità tar-rappurtaġġ

tunnellati (Mg)

Emenda 20

Proposta għal regolament Anness III – taqsima 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-EW-MFA jkopru l-materjali solidi, gassużi u likwidi kollha ***mkejla*** f'unitajiet ta' massa kull sena, ħliet iċ-ċirkolazzjoni tal-arja u l-ilma. Bħas-sistema ta' kontijiet nazzjonali, il-kontijiet taċ-ċirkolazzjoni tal-materjali fuq il-firxa kollha tal-ekonomija għandhom żewġ għanijiet ewlenin. Iċ-ċirkolazzjonijiet tal-materjali ddettaljati jipprovdu database empirika rikka għal varjetà ta' studji analitiċi. Jintużaw ukoll

L-EW-MFA jkopru l-materjali solidi, gassużi u likwidi kollha ***u materjali tat-teknosfera, imkejla*** f'unitajiet ta' massa kull sena, ħliet iċ-ċirkolazzjoni tal-arja u l-ilma. Bħas-sistema ta' kontijiet nazzjonali, il-kontijiet taċ-ċirkolazzjoni tal-materjali fuq il-firxa kollha tal-ekonomija għandhom żewġ għanijiet ewlenin. Iċ-ċirkolazzjonijiet tal-materjali ddettaljati jipprovdu database empirika rikka għal varjetà ta' studji

biex jiġu kkompilati varjetà ta' indikaturi taċ-ċirkolazzjoni tal-materjali fuq firxa sħiħa tal-ekonomija għall-ekonomiji nazzjonali.

analitiċi. Jintużaw ukoll biex jiġu kkompilati varjetà ta' indikaturi taċ-ċirkolazzjoni tal-materjali fuq firxa sħiħa tal-ekonomija għall-ekonomiji nazzjonali.

PROĊEDURA

Titolu	Il-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej	
Referenzi	COM(2010)0132 – C7-0092/2010 – 2010/0073(COD)	
Kumitat responsabbli	ENVI	
Opinjoni(jiet) mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ECON 21.4.2010	
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Hans-Peter Martin 27.4.2010	
Eżami fil-kumitat	28.9.2010	18.10.2010
Data tal-adozzjoni	26.10.2010	
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 37	–: 0
	0:	1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Burkhard Balz, Slavi Binev, Sharon Bowles, Udo Bullmann, Nikolaos Chountis, George Sabin Cutaş, Leonardo Domenici, Derk Jan Eppink, Diogo Feio, Markus Ferber, Elisa Ferreira, Vicky Ford, Ildikó Gáll-Pelcz, Jean-Paul Gauzès, Sven Giegold, Sylvie Goulard, Liem Hoang Ngoc, Jürgen Klute, Rodi Kratsa-Tsagaropoulou, Philippe Lamberts, Werner Langen, Astrid Lulling, Hans-Peter Martin, Ivari Padar, Anni Podimata, Olle Schmidt, Edward Scicluna, Peter Simon, Peter Skinner, Theodor Dumitru Stolojan, Marianne Thyssen	
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Sophie Auconie, Sari Essayah, Ashley Fox, Thomas Mann, Gay Mitchell, Gianni Pittella, Andreas Schwab	
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Enrique Guerrero Salom, Tatjana Ždanoka	

PROCĊEDURA

Titolu	Il-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej	
Referenzi	COM(2010)0132 – C7-0092/2010 – 2010/0073(COD)	
Data meta ġie ppreżentat lill-PE	9.4.2010	
Kumitat responsabbli ata tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ENVI 21.4.2010	
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni ata tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ECON 21.4.2010	ITRE 21.4.2010
Opinjoni(jiet) mhux mogħtija Data tad-deċiżjoni	ITRE 24.6.2010	
Rapporteur(s) ata tal-ħatra	Jo Leinen 27.4.2010	
Eżami fil-kumitat	4.10.2010	
Data tal-adozzjoni	9.11.2010	
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 40	-: 4
	0: 4	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	János Áder, Kriton Arsenis, Pilar Ayuso, Paolo Bartolozzi, Sandrine Bélier, Martin Callanan, Bairbre de Brún, Esther de Lange, Anne Delvaux, Bas Eickhout, Edite Estrela, Jill Evans, Karl-Heinz Florenz, Elisabetta Gardini, Julie Girling, Françoise Grossetête, Jolanta Emilia Hibner, Dan Jørgensen, Christa Kläß, Holger Krahmer, Jo Leinen, Corinne Lepage, Kartika Tamara Liotard, Radvilė Morkūnaitė-Mikulėnienė, Miroslav Ouzký, Gilles Pargneaux, Antonyia Parvanova, Andres Perello Rodriguez, Mario Pirillo, Vittorio Prodi, Frédérique Ries, Anna Rosbach, Oreste Rossi, Daciana Octavia Sârbu, Horst Schnellhardt, Richard Seeber, Theodoros Skylakakis, Bogusław Sonik, Anja Weisgerber, Sabine Wils, Marina Yannakoudakis	
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Matthias Groote, Romana Jordan Cizelj, Miroslav Mikolášik, Bill Newton Dunn, Michèle Rivasi, Csaba Sándor Tabajdi, Michail Tremopoulos	